MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 12/2003

**Tasika Auto Limited**

**vs**

**Alex Attard**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mitt lira maltija (Lm400) valur ta’ erba’ kambjali illi immaturaw rispettivament fit-30 ta’ April 2000, 30 ta’ Mejju 2000, 30 ta’ Gunju 2000, u 30 ta’ Lulju 2000, flimkien ma’ hamsa u sebghin lira maltija (Lm75) interessi fuq dan il-kapital; salv interessi ulterjuri fuq din is-somma b’effett mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-interessi fuq din is-somma.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra nterpellatorja tat-8 ta' Ottubru 2002.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

12/2003

Ra r-risposta:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alex Attard.

Jeccepixxi bir-rispett:

Illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut fl-interizza kollha tieghu, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess avviz.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt".

Sema' l-provi;

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2003 li fiha sar qbil bejn il-partijiet kontendenti li l-ammont dovut huwa ta' LM154.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza giet ipprovokata mill-konvenut li naqas li jhallas u min-naha l-ohra s-socjeta' attrici talbet somma sostanzjalment ikbar anke tenut kont tal-pagament ta' LM100 li sar fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM154 bilanc dovut fuq kambjali. Spejjez tal-kawza u tal-ittra interpellatorja tat-8 t'Ottubru 2002 fic-cirkostanzi jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------